MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.<br>IAN SPITERI BAILEY

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 431/2007

**Lighthouse Communications Limited (C21425)**

**vs**

**C. N. J. International Limited (C8239)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta’ Mejju 2009, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ elf hames mija u hdax-il Euro u sitta u sebghin centezmu (€1511.76) rapprezentanti servizzi ta’ riklamar oltre ghal ‘VAT’ relattiv, liema somma hija dovuta skond fattura numru 8744 datata 1 ta’ Novembru 2004 (Dok A), bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali datata 2 ta’ Frar 2007 (Dok G) flimkien mal-imghaxijiet bir-rata ta’ ghaxra fil-mija (10%) fis-sena mid-data ta’ hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv;

Ikoll kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Ra r-**Risposta** tas-socjeta` konvenuta pprezentata nhar l-10 ta' Jannar 2008 li permezz taghha eccepiet illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici sabiex taghmel xoghol ta' reklamar u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Sema` x-xhieda ta' **Claudio Caruana** in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta u prodott mis-socjeta` attrici li waqt is-seduta tat-22 ta' April 2008 xehed illi huwa direttur ta' C.N.J. International Limited u dejjem ikkuntratta mas-socjeta` attrici ghan-nom tal-Bargain Magazine. Mistoqsi jekk huwa ordnax l-avviz f'pagna 74 tal-magazine Dok LC1 jghid li le. Jghid li BAM Limited hija l-kumpanija tal-Bargain Magazine. Jghid li ghamel diversi riklami maghhom u mar anki personali u kien imur fuq il-pubblikazzjoni Bargain Magazine.

In kontro-ezami, muri id-dokument a fol 2 tal-process jghid li s-socjeta` konvenuta qatt ma recviet din l-invoice u jghid li C.N.J. Gym ma jezistiex u huwa ma huwiex Claudio Grech. Jghid li bhala C.N.J. International Limited dejjem ghamlu ftehim mal-Ban Limited tal-Bargain Magazine.

In ri-ezami l-istess xhud jghid li jaf bis-sentenza bejn BAM Limited u C.N.J. International Limited u s-sentenza qeghdha tigi onorata billi sar pagament akkont. Jikkonferma illi n-numru lilu suggerit huwa n-numru tal-gym gestit minn C.N.J. International Limited.

Sema x-xhieda ta' **Daniel Mezzapelle** li waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2008 xehed illi huwa financial controller fis-socjeta` attrici. Jghid li s-socjeta` konvenuta kellha xoghol kemm ma' Lighthouse Communications Limited kif ukoll ma' BAM Limited. Muri l-invoice a fol 2 jghid illi dan kien xi xoghol li ghamlu C.N.J. Limited maghhom u skond ir-records jirrizultaw pendenti. Jikkonferma li s-socjeta` konvenuta kienet anki ordnat xoghol simili minghand is-socjeta` BAM Limited. Jghid li ma rrizultawlux *booking*

*orders* bejn C.N.J. u BAM Limited peress illi kienu jahdmu on the basis of *good faith*. Jghid li issa nbidlet il-procedura u qed jinharrgu *booking orders* iffirmati mill-klijent.

In kontro-ezami jikkonferma li saru xi pagamenti akkont C.N.J. International Limited lil BAM Limited.

Sema` x-xhieda ta’ **Roderick Muscat Monsigneur** tal-25 ta’ Settembru 2008, prodott mis-socjeta` attrici, li fiha xehed illi huwa managing director tas-socjeta` attrici u huwa wkoll shareholder u direttur fis-socjeta` BAM Limited. Jghid li s-socjeta` konvenuta kellha relazzjonijiet kummercjali kemm ma’ Lighthouse Communications Limited kif ukoll ma’ BAM Limited. Jghid li BAM Limited tippubblika The Bargain Magazine, filwaqt li Lighthouse Communications Limited tippubblika fost ohrajn Exclusive Malta. Jghid li C.N.J. hadmet maz-zewg kumpaniji izda BAM Limited mhux dejjem hadet ordnijiet bil-miktub. Jghid li bhala BAM Ltd kellhom pendenzi mas-socjeta` konvenuta u hadu sentenza favurihom. Jispjega li l-mertu ta’ din il-kawza huma ammonti dovuti lil Lighthouse li baqghu ma thallsux. Ma kienx hemm ordnijiet bil-miktub minhabba r-relazzjoni tajba li kien hemm mas-socjeta` konmvenuta. Jikkonferma li Dok LC1 fejn hu mmarkat bil-yellow tag huwa x-xoghol li ghadhom ma thallsux tieghu. Jghid li r-riklam sar fuq struzzjonijiet li tahom il-klijent inkluz l-artwork.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici li permezz taghha esebiet kopja tas-sentenza **430/07GMA** tal-1 ta’ Ottubru 2007 flimkien ma’ document minn fejn jirrizulta li ma kienx hemm appell, u sema` d-difensuri tal-partijiet jaqblu li l-ammont mertu ta’ dik il-kawza gie mhallas pjenament mis-socjeta` konvenuta.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi s-socjeta` attrici qed titlob minghand is-socjeta` konvenuta is-somma ta' elf hames mija u hdax-il Euro u sitta u sebghin centezmu (€1511.76) rapprezentanti servizzi ta' riklamar oltre ghal 'VAT' relattiv, liema somma hija dovuta skond fattura numru 8744 datata 1 ta' Novembru 2004 (Dok A).

Illi s-socjeta` konvenuta eccepiet illi hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici sabiex taghmel xoghol ta' reklamar u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Illi l-invoice DOK A li a bazi taghha giet intavolata l-kawza odjerna, tindika li s-servizz moghti mis-socjeta` attrici inghata lil Claudio Grech ta' CJN Gym ta' Germa Palace Hotel, Marsascala. Rappresentant tas-socjeta` konvenuta jichad illi kienet is-socjeta` konvenuta illi ordnat ir-riklam mertu tal-kawza. Jghid illi s-socjeta` konvenuta ikkuntrattat biss mal-BAN Limited dwar il-maazine Bargain Magazine biss.

It-Tribunal jinnota illi dan il-fatt, ossia illi tezisti relazzjoni bejn is-socjeta` konvenuta u BAN Limited tirrizulta minn sentenzi tat-Tribunal anke esebiti in atti.

Irrizulta ukoll mix-xhieda prodotti illi ma hemmx *booking orders*. Irrizulta mill-financial controller tas-socjeta` attrici illi l-unici pagamenti li jidher illi saru mis-socjeta` konvenuta kienu lil BAM Limited.

Mill-provi kollha prodotti ghalhekk, it-Tribunal ma jistghax ikun sodisfatt illi tezisti relazzjoni bejn is-socjetajiet kontendenti. Mill-provi kollha prodotti, it-Tribunal ma jistghax jikkonkludi illi s-socjeta` attrici irnexxiela tipprova illi r-relazzjoni mas-socjeta` konvenuta li tintitolha allura tmexxi l-azzjoni odjerna kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Illi bic-cahda kategorika kif saret, illi s-socjeta` konvenuta ma ghandiex relazzjoni giuridika ma' dik attrici, kien imbaghad jispetta lis-socjeta` attrici tipprova mod iehor. Dan ma rnexxiliex taghmlu – in parti ghaliex

amministrattivament kienet zbaljata u skorretta meta ma kinitx tiehu booking orders, u in parti ghaliex ma ressqitx provi sostanzjali sabiex tikkonvinci lil dan it-Tribunal, anke fuq livell ta’ probabbilita`, illi tezisti r-relazzjoni bejn iz-zewg partijiet li tiggustifika l-azzjoni odjerna.

Mill-apprezzament tal-provi maghmul – it-Tribunal ma jistghax jikkonkludi hlief illi jiddikjara illi l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta hija sostenibbli.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti, kemm xhieda u kemm provi dokumentali u wara illi s-sema` d-difensuri tal-partijiet, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u jichad it-talbiet attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------